**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 112/2018**

**KA ('l-ilmentatur')**

**vs**

***MAPFRE MSV Life p.l.c.*** **(C 15722)**

**('il-provditur tas-servizz')**

**Seduta tad-9 ta' Lulju 2019**

**L-Arbitru ra l-ilment** li, fost affarijiet ohra, jghid:

Illi fl-1995, l-ilmentatur u martu hadu zewg poloz tal-assikurazzjoni tal-*MSV Life*, wahda ghal kull wiehed miz-zewgt itfal taghhom, Nikolai u Ilona Anne, minghand il-*Bank of Valletta.*

Jghid li gie spjegat lilhom li din kienet forma ta' tfaddil ghaqli biex it-tfal ikollhom somma taht rashom meta taghlaq fl-2025. Jghid li tawhom lista tal-valur li din il-polza jkollha matul is-snin sakemm tasal sas-somma ta' Lm27,839.26, li hi ekwivalenti ghal madwar €64,800, meta din taghlaq fl-2025.

Jilmenta li f'dawn l-ahhar snin, il-valur gie rivedut u tnaqqas konsiderevolment sabiex finalment iwassal sa bejn €25,712 u €31,101. U dan ifisser li r-ritorn huwa ferm anqas mis-somma li giet imnizzla fil-bidu meta xtraw il-polza. L-ilmentatur jghid li forsi wiehed jasal biex jifhem li jkun hemm xi varjazzjoni fl-ammont finali, izda certament mhux din id-differenza kollha; u mkien ma inghad jew gie spjegat li jista' jkun hemm dan l-izvalutar kollu.

L-ilmentatur iqis li dan ma kienx gust fil-konfront taghhom ghax meta spjegawlhom fil-bidu, qatt ma kien hemm xi referenza li l-valur jista' jvarja daqshekk. Jishaq li kieku ma kinux jaghzlu din it-tip ta' polza ghat-tfal ghax ma xtaqux jiehdu riskju bis-somma finali li jiehdu. Ukoll, li huma fittxew li jkollhom

xi polza li wara tletin sena taghtihom certa somma li biha setghu jghinu lit-tfal taghhom fiz-zmien meta kollhom il-piz tal-familja taghhom.

Jghid li llum il-valur m'ghandu x'jaqsam xejn ma' dak tal-prodott originali kif kien spjegat u mibjugh lilhom. Jilmenta li misshom spjegawlhom zewg xenarji – wahda fejn ir-ritorn kien kif ipprevedewh u l-ohra bir-ritorn aktar baxx sabiex huma jaghmlu ghazla informata.

L-ilmentatur ihoss li l-provditur tas-servizz naqas ghax ma kienx hemm referenza li dan il-prodott jista' jkun daqshekk volatili u jishaq li huma dejjem fittxew li jkun hemm ritorn pjuttost fiss u stabbli. Fil-fatt, fil-bidu nett, jghid li meta kienu qed jahsbu biex jixtru dan il-prodott, bhala ezempju ta' ritorn, kien jigi ikkomparat ma' depozitu l-bank u mhux ma' '*shares*'. Ghalhekk ihoss li kien hemm nuqqas ta' informazzjoni fuq in-natura tal-prodott. Jghid li hija r-responsabbiltà tal-provditur tas-servizz li jispjega sew ir-riskji involuti fi kwalunkwe prodott li tixtri biex huma jkunu jafu x'hemm involut u jiehdu decizjoni infurmata sewwa.

Jilmenta li huma kkoncentraw fuq l-istampa pozittiva u, ghalhekk, ma setghux ikunu konxji li jista' jkun hemm kambjamenti daqshekk sostanzjali matul is-snin. Jghid li l-*MSV Life* qabdu u biddlu l-kuntratt ta' bejniethom b'mod unilaterali.

L-ilmentatur qed ifittex li jigi ikkumpensat ghad-differenza fil-valur bejn dak li gie rrapprezentat fil-bidu tal-poloz fil-mument tal-bejgh u dak li l-*MSV Life*, minn jeddha, qabdet u kkalkolat b'mod differenti u hafna anqas. Jghid li, originarjament, il-valur finali kellu jkun ta' madwar €64,8000, mentri issa l-valur finali huwa madwar €30,000. Jghid li din hija figura provizorja skont il-korrispondenza li baghtulu. Jilmenta li huma ghandhom zewg poloz u, allura, fil-kaz taghhom, dan it-telf sar doppjament. Jishaq li jista' jkun hemm varjazzjoni ragonevoli fil-valur biex jirrifletti xi kambjament, però, tnaqqis ta' aktar minn nofs il-valur, fl-opinjoni tieghu, la hi gusta fil-konfront taghhom u lanqas hi fl-ispirtu tal-kuntratt kif iffirmat u mibjugh originarjament.

**Ra r-risposta tal-provditur tas-servizz** li bazikament tghid:

Illi t-talbiet tal-ilmentatur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez, stante:

1. Illi fl-ewwel lok, is-socjetà esponenti tixtieq ticcara l-fatt illi minhabba li l-poloz in kwistjoni gew mahruga mis-socjetà esponenti *Middle Sea Insurance Co. Ltd*. u minhabba illi l-istess poloz imbaghad gew trasferiti lis-socjetà esponenti, ghalhekk kwalunkwe referenza f'din ir-risposta ghas-socjetà esponenti ser tinkludi s-socjetà *Middle Sea Insurance Co. Ltd.;*

2. Illi fit-tieni lok, is-socjetà esponenti tixtieq taghmel referenza ghall-Artikolu 21(1)(b) tal-Att Dwar l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji (Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta) li jghid hekk kif gej:

   > *"Arbitru ghandu jkollu l-kompetenza li jisma' lmenti skont il-funzjonijiet tieghu taht l-artikolu 19(1) fir-rigward tal-imgiba ta' provditur tas-servizz finanzjarju li tkun sehhet **fl-ewwel ta' Mejju 2004 jew wara**: izda lment dwar imgiba li tkun sehhet qabel id-dhul fis-sehh ta' dan l-Att ghandu jsir lill-Arbitru sa mhux aktar tard minn sentejn minn meta dan il-paragrafu jidhol fis-sehh.'*

   Minn dan l-Artikolu johrog car illi l-Arbitru ghandu kompetenza li jisma' ilmenti fir-rigward tal-imgiba ta' provditur tas-servizz finanzjarju li tkun sehhet fl-1 ta' Mejju 2004, jew wara basta fir-rigward ta' imgiba li tkun sehhet bejn l-1 ta' Mejju 2004 u t-18 ta' April 2016, l-ilment isir fi zmien sentejn mit-18 ta' April 2016.

   Minhabba illi l-poloz in kwistjoni gew mibjugha fis-sena 1995, u jidher illi hemm vertenza dwar l-imgiba tas-socjetà esponenti fil-mument tal-bejgh tal-istess poloz, kif spjegat fil-parti tal-ilment indikat taht Taqsima D, l-Arbitru huwa nkompetenti sabiex jisma' u jiddeciedi l-mertu dwar dik l-imgiba u, ghalhekk, ghandu jiddikjara ruhu inkompetenti biex jiddeciedi din il-kawza dwar dawn il-punti fl-ilment.

3. Illi fit-tielet lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjetà esponenti tixtieq taccenna illi l-bejgh tal-poloz in kwistjoni saru ai termini ta' regolamenti applikabbli fil-mument tal-bejgh tal-poloz, u cioè f'Marzu tas-sena 1995. Fil-fatt, qabel ma saru l-kuntratti in kwistjoni l-ilmentatur

gie pprezentat bl-Avviz Statutorju mahrug skont il-provvediment tar-regolamenti tal-1989 dwar l-Assigurazzjoni fuq il-Hajja (Avviz Statutorju) (Avviz Legali 129 tas-sena 1989) kif is-socjetà esponenti kienet rikjesta li taghmel mil-ligi fil-mument tal-konkluzjoni tal-poloz liema Avvizi gew iffirmati mill-ilmentatur stess. L-Avvizi in kwistjoni kienu jinkludu diversi drittijiet, fosthom id-dritt li jahsibha mill-gdid u jekk ikun jixtieq, jerga' lura min-negozju fi zmien 15-il jum minn meta jinghata dawn l-Avvizi. Dawn l-Avvizi kienu mahsuba sabiex proprju jigu evitati xi okkazjonijiet fejn ikun sar xi pressjoni jew ghal kwalsiasi raguni id-detentur ikun irid jerga' jahsibha jew iregga' lura d-decizjoni tieghu. Jidher b'mod car illi l-ilmentatur m'ezercita l-ebda dritt ikkomunikat lilu f'dawn l-Avvizi, tant li mbaghad intrabat minn jeddu bil-kuntratti in kwistjoni. Is-socjetà esponenti qed tannetti ma' din ir-risposta kopja tal-Avviz Statutorju in konnessjoni ma' kull polza ffirmati mill-ilmentatur li qed jigu mmarkati bhala Dok. MSV1 u Dok. MSV2.

4. Illi fir-raba' lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjetà esponenti tixtieq tirreferi ghall-fatt allegat mill-ilmentatur illi l-*maturity value* fir-rigward taz-zewg poloz ma kienx ekwivalenti ghall-*estimated maturity value* kif kien indikat mis-socjetà esponenti fil-mument tal-bejgh tal-poloz in kwistjoni u b'hekk qed jigi allegat illi s-socjetà esponenti naqset milli taghmel dan il-fatt car u maghruf mill-bidu nett meta irrakkomandat dawn il-poloz in kwistjoni. Konsegwentement, l-ilmentatur qieghed jitlob lill-Onorabbli Arbitru sabiex jikkonsidra l-kaz tieghu u sabiex jigi ikkumpensat ghall-allegat ommissjoni da parti tas-socjetà esponenti.

   F'dan ir-rigward, is-socjetà esponenti tixtieq taghmel referenza ghall-*quotations* mahruga fir-rigward tal-poloz in kwistjoni (vide dokument 3 u 4 annessi mal-ilment) li jiddistingwu bl-aktar mod car bejn is-'*sum assured*', l-'*estimated maturity value including reversionary bonus*' u l-'*estimated maturity value including reversionary and terminal bonuses (if any)*'. Dan jindika illi s-socjetà esponenti ghamlitha cara mill-bidu nett (u cioè qabel ma saru il-kuntratti in kwistjoni) illi l-*maturity value* taz-zewg poloz ma kienx garantit imma kien biss stima u li s-*sum assured* biss kien garantit. In oltre, fl-istess *quotations* kien hemm distinzjoni bejn *reversionary bonuses* u *terminal bonuses* u li s-socjetà esponenti ma kinitx

obbligata li thallas it-*terminal bonuses* hekk kif indikat bil-kliem '*if any*'. Ghalhekk, is-socjetà esponenti bl-ebda mod ma kienet qed tiggarantixxi lill-ilmentatur li mal-maturar tal-poloz in kwistjoni hu kien ser jircievi l-ammont ta' Euro 64,848.02 fir-rigward ta' kull polza ghax dak l-ammont kien biss stima u kien jinkludi t-*terminal bonus* illi forsi ma kienx ser jithallas fuq l-immaturar tal-poloz. Fil-fatt, l-*estimated maturity value including reversionary bonus* kien hafna anqas u cioè fl-ammont ta' Euro 43,232.02 fir-rigward ta' kull polza.

In oltre, kieku wiehed seta' jiehu l-ammont tal-imsemmija stima sabiex jiddetermina il-kumpens allegatament dovut lill-ilmentatur, allura ifisser li l-*Estimated Maturity Value including Reversionary Bonus* u l-*Estimated Maturity Value including Reversionary and Terminal Bonuses* issa jkunu gew moghtija tifsiriet ferm differenti minn dik ta' stima (*estimate* jew *illustration*) (hekk kif kienu gew uzati u kif jinftehmu bit-tifsira normali tal-kliem) u jiehdu minflok tifsira zbaljata ta' ammonti garantiti, sabiex konvenjentement l-ilmentatur jivvanta l-pretensjonijiet infondati tieghu.

Is-socjetà esponenti ukoll ma tistax tifhem kif l-ilmentatur jipprova jargumenta li f'kuntest ta' stimi ta' din ix-xorta, jista' jkun hemm xi ammont li jista' jitqies ragonevolment accettabbli ghad-differenza bejn stima u valur attwali. Fi kwalunkwe kaz, l-ebda parametru ghal differenza li jista' jkun gust u ragonevoli ma qatt gie maqbul bejn il-partijiet koncernati.

Il-kwotazzjonijiet li kienu inghataw lill-ilmentaur fil-bidu tal-poloz in kwistjoni kienu ibbazati fuq ir-rati ta' qligh li kienu qed jintuzaw dak iz-zmien. Il-figuri kkwotati ma kinux ammonti garantiti imma '*Estimated Maturity Values'* ibbazati fuq il-kundizzjonijiet ta' investiment u c-cirkostanzi ta' dak iz-zmien. L-aktar fattur importanti li jaffetwa r-rati tal-*bonus* huwa l-prestazzjoni tal-investiment sottostanti. Fis-snin recenti, l-prestazzjoni tal-investiment internazzjonali kienet aktar baxxa. Madankollu s-socjetà esponenti tikkonferma li l-kwotazzjonijiet li nghataw fil-bidu tal-poloz in kwistjoni kienu fil-fatt korretti skont ic-cirkostanzi finanzjarji ta' dak iz-zmien u ghalhekk agixxiet in *bona fede*.

In oltre, fil-*policy schedule* ta' kull polza (vide Dok. 1 u 2 annessi mal-ilment) jinghad espressament illi fir-rigward tal-*investment premium 'in respect of each premium paid, Lm192.49 shall be credited to the Policy Account which will be increased by the bonuses which may be declared by the Company from time to time.'* Dan ikompli juri illi mill-bidu tal-poloz, l-ilmentatur kien infurmat illi kien hemm element ta' investiment u li l-*bonuses* ma kinux mandatorji izda kien fid-diskrezzjoni tas-socjetà esponenti illi tiddikjara jew ma tiddikjarax dawn il-*bonuses.* Dan ikompli juri illi s-socjetà esponenti tat bizzejjed informazzjoni lill-ilmentatur li l-poloz in kwistjoni kienu volatili u dan ghall-kuntrarju ta' dak li l-ilmentatur allega fl-ilment tieghu.

In oltre, anke wara l-hrug tal-poloz in kwistjoni sal-lum, is-socjetà esponenti baqghet tagixxi *in bona fede* minhabba illi hija dejjem amministrat l-*MSV With Profits Fund* ghan-nom u fl-ahjar interess tad-detenturi tal-poloz taghha. L-amministrazzjoni tal-fond huwa taht skrutinju mhux biss tal-*management* ezekuttiv tas-socjetà esponenti, imma ukoll taht skrutinju tal-attwarji, *Willis Towers Watson*, ditta internazzjonali, professjonali u indipendenti, kif ukoll taht skrutinju tal-Awtorità ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta. L-andament tal-istess fond huwa kompletament u dejjem soggett ghal dawk il-kambjamenti u caqlieq ta' valuri fis-swieq kemm finanzjarji, kemm ta' proprjetà immobbli u kif ukoll ohrajn illi gewwa fihom tinvesti s-socjetà esponenti. L-ebda indikazzjoni ta' kif jista' jizviluppa l-valur tal-investiment ma jista' qatt jittiehed bhala vangelu u kif jaf kulhadd, il-valur ta' investiment jista' joghla kif ukoll jinzel u l-passat m'huwiex garanzija tal-futur. Barra minn hekk, il-valuri indikattivi tal-investiment tal-poloz meta gew mibjugha lill-ilmentatur bl-ebda mod ma qatt gew deskritti li kienu garantiti. Dan huwa ammess mill-ilmentatur stess meta fl-ilment tieghu stess jghid illi '*Wiehed forsi jasal biex jifhem li jkun hemm xi varjazzjoni fl-ammont finali*' u '*wiehed jasal li jaccetta xi tibdil fil-valur matul iz-zmien'*. In oltre, il-*Quotations* li abbazi taghhom l-ilmentatur xtara l-imsemmija poloz kienu jirreferu ghal *Estimated Maturity Value.* Id-diminuzzjoni fil-valur tal-investiment kif deskritt fl-ilment ma huwa xejn hlief riflessjoni tal-andament tal-investimenti u tal-fond hawn fuq imsemmi tul il-perjodu kollu li ilhom fis-sehh dawn il-poloz; b'dan però, illi jekk wiehed jaghmel

analiza dettaljata fejn jittiehdu in konsiderazzjoni il-fatturi kollha (u mhux uhud biss minnhom) wiehed jasal ghall-konkluzjoni li xorta wahda dik il-parti tal-poloz in kwistjoni li hija l-parti tal-investiment (u mhux il-parti tal-assikurazzjoni fuq il-hajja) qieghda tmur tajjeb kif ikkomparata ma' investimenti komparabbli fis-swieq tal-investiment tul il-kors tal-perjodu tal-poloz *de quo.* Fil-fatt, fl-ittra tal-ilmentatur lill-Onorabbli Arbitru datata 16 ta' April 2018, jghid illi s-socjetà esponenti kienet qalet lill-ilmentatur li l-poloz in kwistjoni kienu '*mezz tajjeb ta' tfaddil u li tirrendi ritorn ragonevoli.'*

F'dan ir-rigward irid jinghad ukoll illi l-poloz *de quo,* apparti l-element ta' investiment, suggett principali ta' din il-vertenza, kellhom ukoll ikopru r-riskju tal-mewt tal-assikurat/i matul il-kors tal-perjodu tal-istess poloz, liema kopertura ovvjament ghandha prezz u liema prezz qed jigi totalment injorat mill-ilmentatur fl-ilment tieghu. L-ghan tal-poloz in kwistjoni kien li jipprovdu '*a medium term tax efficient investment'*, pagament hieles mit-taxxa meta timmatura l-polza u beneficcju garantit pagabbli fil-kaz ta' mewt qabel il-maturità tal-polza. L-unika ammont li kien garantit kien is-*sum assured* li fil-kaz ta' kull polza in kwistjoni kien fl-ammont ta' Lm5,645 (Euro 14,453.76). Ghalhekk, minkejja t-tnaqqis recenti fir-rati tal-*bonus* matul iz-zmien xorta wahda l-poloz in kwistjoni ghadhom investiment siewi ghaliex il-poloz qeghdin ukoll jipprovdu kopertura fuq il-hajja li mhux generalment disponibbli taht forom ohra ta' tfaddil regolari.

Is-socjetà esponenti hija tal-umli fehma illi jekk ghall-grazzja tal-argument biss, nassumu li l-ilmentatur sofra xi danni u, ghalhekk, huwa dovut xi kwalsiasi kumpens a favur tieghu, u dan ovvjament mhuwiex il-kaz u mhuwiex ammess, l-ammont ta' kumpens dovut lilu ma jistax ikun dak tal-*maturity value* izda tas-*surrender value* minhabba illi l-poloz in kwistjoni ser jimmaturaw fis-sena 2025. In oltre, is-socjetà esponenti hija tal-umli

fehma illi dan l-ilment huwa prematur u ma jistax ikun possibli f'dan l-istadju sabiex jigi ikkwantifikat il-kumpens li qed jippretendi l-ilmentatur ghax naturalment baqa' sas-sena 2025 sabiex il-*maturity value* jigi determinat.

5. Illi fil-hames lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjetà esponenti tishaq illi hija qatt ma biddlet unilateralment il-kuntratti ta' bejn il-partijiet kif qed jigi allegat mill-ilmentatur fl-ilment tieghu.

   L-ewwel nett, l-ilmentatur ma kienx sufficjentement car u esplicitu fl-ilment tieghu dwar kif is-socjetà esponenti biddlet unilateralment il-kuntratti ta' bejn il-partijiet. Ghalhekk, is-socjetà esponenti tixtieq tirrileva illi minhabba din l-ambigwità da parti tal-ilmentatur, ser ikun difficli ghaliha biex taghmel difiza akkurata kontra din l-allegazzjoni.

   Minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjetà esponenti taccenna illi hija qatt ma biddlet unilateralment il-kuntratti ta' bejn il-partijiet ghaliex dejjem ottemporat mat-termini tal-poloz in kwistjoni inkluz mal-*policy schedule* (*vide* Dok. 1 u Dok 2 annessi mal-ilment). Semmai is-socjetà esponenti agixxiet bl-akbar diligenza meta ta' kull sena, is-socjetà esponenti zammet lill-ilmentatur mgharraf ezattament b'dak li kien qed jigri fid-dettall bl-andament tar-rati tal-imghax li kienu qeghdin jigu ikkreditati lill-poloz *de quo* billi forniet lill-ilmentatur (kif ghamlet ovvjament mad-detenturi tal-poloz kollha taghha) bil-valuri attwali tal-poloz *de quo*, permezz tal-*Bonus Statements* li maghha kien ukoll jigi anness dokument iehor imsejjah *Important Notes*, u sa mill-2001 kien ukoll jigi anness dokument iehor imsejjah *Media Release,* li kopja ta' uhud minnhom qed jigu hawn annessi ma' din ir-risposta immarkati bhala Dok. MSV 3 A-L. Il-*'Bonus Statements'* kienu juru l-progressjoni fit-tkabbir tal-poloz minn sena ghal sena u l-ilmentatur kellu jkun konxju bis-shih dwar kif il-poloz kienu qed jikbru minn sena ghal sena. Dan it-taghrif ma jistax jitqies bhala bidla unilaterali da parti tas-socjetà esponenti tal-kuntratti in kwistjoni izda biss riflessjoni ta' kif dak li kien miftiehem bejn il-partijiet kien qed jigi implimentat.

   L-unika haga li kien qed jinbidel minn sena ghall-ohra kien l-*Estimated Maturity Value including Reversionary Bonus* u l-*Estimated Maturity Value including Reversionary and Final Bonuses,* li s-socjetà esponenti kienet fil-fatt intitolata li taghmel.

   In oltre, l-imsemmija revizjonijiet saru wara talbiet tal-ilmentatur stess kif jidher car mill-ittri tas-socjetà esponenti tat-3 ta' April 2014 (li qed jigu

hawn annessi ma' din ir-risposta immarkati bhala Dok. MSV 4 u MSV 5), tat-30 ta' Marzu 2016 (li qed jigu hawn annessi ma' din ir-risposta immarkati bhala Dok. MSV 6 u MSV 7), u tat-12 ta' April 2018 (li qed jigu hawn annessi ma' din ir-risposta u mmarkati bhala Dok. MSV 8 u Dok. MSV 9).

In oltre, apparti li l-kliem *Estimated Maturity Value* u *Illustration* uzati fil-*Quotations* tal-poloz *de quo* huma *self-explanatory,* l-*Important Notes* annessi mal-*Bonus Statements* mahruga kull sena, il-*media releases*, kif ukoll l-ittri fuq imsemmija jaghmluha cara li r-rati tal-*bonus* ma kinux garantiti u li kienu jiddependu fuq prestazzjoni tal-investimenti u, ghalhekk, l-investimenti setghu jitilghu jew jinzlu.

6. Finalment, is-socjetà esponenti tixtieq tishaq ghall-ahhar darba illi hija qatt, fl-ezekuzzjoni tal-kuntratti relattivi u cioè fir-rigward tal-poloz bin-numri 22870 jew 22871, ma kienet inadempjenti jew agixxiet b'mod qarrieqi; ma kisret ebda termini pattwiti bejn il-partijiet; u ma zgwidatx lill-ilmentatur fl-ebda stadju; u ghalhekk m'ghandhiex tkun ordnata sabiex thallas kumpens lill-ilmentatur jew spejjez ta' din il-procedura li saret inutilment mill-ilmentatur, hekk kif ser jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan l-ilment.

Salv eccezzjonijet ulterjuri.

**Sema' lill-partijiet**

**Ra l-atti kollha tal-kaz**

**Jikkonsidra**

**Eccezzjonijiet Preliminari**

Fit-tieni eccezzjoni, il-provditur tas-servizz jghid li l-Arbitru m'ghandux gurisdizzjoni jisma' dan il-kaz peress li, skont l-Artikolu 21(1)(b) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandu kompetenza jisma' lmenti dwar imgiba tal-provditur tas-servizz li tkun sehhet fl-1 ta' mejju 2004, jew wara, basta li fir-rigward tal-

imgiba li tkun sehhet bejn l-1 ta' Mejju 2004 u t-18 ta' April 2016, l-ilment isir fi zmien sentejn mit-18 ta' April 2016.

Il-provditur tas-servizz jghid ukoll li l-poloz in kwistjoni gew mibjugha fis-sena 1995, u jidher li hemm vertenza dwar l-imgiba tas-socjetà esponenti fil-mument tal-bejgh tal-istess poloz u, ghalhekk, l-Arbitru huwa inkompetenti biex jisma' dan il-kaz.

Dwar din l-eccezzjoni l-Arbitru jaghmel referenza wkoll ghall-Artikolu 21(1)(d) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta li jistipula illi:

'*Ghall-fini ta' dan is-subartikolu,* ***imgiba li tkompli fix-xorta ghandha tigi prezunta li tkun sehhet fiz-zmien meta tkun waqfet, u imgiba li tkun tikkonsisti minn serje ta' atti jew ommissjonijiet ghandha tigi prezunta li tkun sehhet meta l-ahhar minn dawk l-atti jew ommissjonijiet ikunu sehhu***.'[1]

Huwa fatt inkontestat mill-partijiet li l-poloz li dwarhom qed isir l-ilment huma '*Endowment Assurance with Profits including Funeral Expenses Benefit',* inbieghu lill-ilmentatur b'effett mit-23 ta' Marzu 1995, u l-*'maturity dates'* gew indikati bhala t-23 ta' Marzu 2025. L-ilmentatur kien obbligat li jhallas il-*premium* taghhom ghal dan il-perjodu ta' 30 sena, u jithallas jew mal-*maturity date* fl-2025, jew qabel, jekk issehh '*the death of the life assured'* qabel l-2025.

Il-hlas finali jsehh f'wahda minn dawn ic-cirkostanzi u mhux qabel. Ghalhekk l-effett tal-poloz huwa kontinwat u, allura, l-Arbitru ghandu kompetenza taht l-Artikolu 21(1)(d).

Din hija wkoll il-pozizzjoni li hadet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet ***Tarcisio Tabone vs MSV Life p.l.c,*** **deciza fis-6 ta' Mejju 2019,** kif ukoll fis-sentenza fl-ismijiet: ***Joseph Vella vs MAPFRE MSV Life p.l.c.*** **deciza fil-25 ta' Marzu 2019.**

Peress li dan il-kaz huwa simili ghal dak deciz mill-Qorti tal-Appell fis-sentenzi kkwotati, l-Arbitru qed jaghmel tieghu l-argumentazzjoni tal-istess Qorti u, ghar-ragunijiet kollha moghtija, qed jichad din l-eccezzjoni.

Fir-raba' eccezzjoni, fost affarijiet ohra, il-provditur tas-servizz jeceppixxi:

---

[1] *Bold* tal-Arbitru

‘***In oltre, is-socjetà esponenti hija tal-umli fehma illi dan l-ilment huwa prematur u ma jistax ikun possibbli f’dan l-istadju sabiex jigi ikkwantifikat il-kumpens li qed jippretendi l-ilmentatur ghax naturalment baqa’ sas-sena 2025 sabiex il-maturity value jigi determinat.’***[2]

L-Arbitru jinnota li fl-ilment, l-ilmentatur mhux qed jghid biss li gie zgwidat meta kien hemm nuqqas ta’ informazzjoni fuq in-natura tal-prodott jew ma gewx spjegati r-riskji involuti fil-prodott izda, fil-konkluzjoni tal-ilment, jghid hekk:

‘*Qed infittex li nigi ikkumpensat ghad-differenza fil-valur bejn dak li gie rapprezentat fil-bidu tal-poloz fil-mument tal-bejgh u dak li l-MSV Life minn jeddha qabdet u kkalkulat b’mod differenti u hafna anqas. Qed nitkellmu li originarjament il-valur finali kellu jkun ta’ madwar €64,800 mentri issa l-valur finali huma madwar EUR30,000. U din hija biss figura provizorja skont korrispondenza li baghtu. Issa ahna ghandna zewg poloz, allura fil-kaz taghna dan it-telf sar doppjament. Jista’ jkun hemm xi varjazzjoni ragonevoli fil-valur biex jirrifletti xi kambjament. Però tnaqqis ta’ aktar minn nofs il-valur, fl-opinjoni tieghi, la hi gusta fil-konfront taghna u lanqas hi fl-ispirtu tal-kuntratt kif iffirmat u mibjugh originarjament*’.[3]

Fin-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu, l-ilmentatur jaghmel talbiet ohra li ma jistghux jigu accettati mill-Arbitru ghaliex in-nota ta’ sottomissjonijiet mhix qieghda biex jizdiedu jew jigu mibdula t-talbiet li jkunu saru fl-ilment originali.

Ghalhekk, l-Arbitru ser jimxi mal-ilment kif originarjament sar mill-ilmentatur.

L-ilmentatur jghid li huwa motivat mill-fatt li, permezz ta’ ittra datata it-3 t’April 2014, il-provditur tas-servizz bidel il-valur tal-*maturity value* b’mod grossolan.

Huwa xehed:

‘*Ghalhekk inhsadna mhux ftit meta permezz ta’ ittra datata 3 t’April 2014, l-MSV gharrfitni li huma qabdu u biddlu t-termini u l-kundizzjonijiet li abbazi taghhom ahna dhalna ghal impenn ta’ tletin sena u qalulna b’fait accompli, li kien qed jinghata REVISED Illustrative Maturity Value ta’ minimu ta’ €25,712 ...*’.[4]

[2] *A fol.* 37
[3] *A fol.* 4
[4] *A fol.* 89

**L-Arbitru jinnota li kif ammess mill-partijiet, il-poloz in kwistjoni ghadhom ma immaturawx u jimmaturaw fl-2025. Dan jammettih anke l-ilmentatur fl-*affidavit* tieghu meta jghid:**

'*F'dan l-isfond,* ***ghalkemm iz-zewg poloz ghad baqalhom biex jaghlqu sas-sena 2025,***[5] *jien u marti hassejna li kellna bizzejjed elementi biex inressqu ilment formali mal-Arbitru ...'.*[6]

Fl-ilment tieghu ukoll jghid:

*'U* ***din hija biss figura provizorja***[7] *skont korrispondenza li baghtu'.*[8]

F'dan il-kuntest, l-Arbitru ra sew kemm l-ittra tat-3 ta' April 2014,[9] kif ukoll dawk tat-12 t'April 2018,[10] u, apparti l-figuri murija, hemm ukoll il-kwalifiki ghalihom li l-ilmentatur ghazel li ma jsemmix.

Dawn il-kwalifiki huma fis sens illi:

'*The revised illustrative maturity values have been calculated using three different levels of assumed bonus rates. The assumed bonus rates shown above are not guaranteed and they are not minimum or maximum rates or amounts. The most important factor that affects bonus rates is the underlying investment performance. Investment returns go up and down and therefore past performance is not necessarily a guide to the future.* ***It is not possible to predict what the bonus rates will be in the future and they may be higher or lower than what they are today.***[11]

Minn dan jirrizulta illi l-figuri moghtija fl-istess ittri huma biss *'illustrative'* u m'humiex finali. Dan huwa spjegat b'mod car fil-kwotazzjoni iccitata mill-Arbitru.

Il-valur li wiehed irid jikkunsidra huwa dak li jinghata mad-data tal-maturità tal-poloz. Huwa f'dak il-mument li l-ilmentatur ikun jista' jghid jekk il-provditur tas-

[5] Enfasi tal-Arbitru
[6] *A fol.* 89
[7] Enfasi tal-Arbitru
[8] *A fol.* 4
[9] *A fol.* 19
[10] *A fol.* 11 u 13
[11] *A fol.* 11, 13 u 19. Enfasi tal-Arbitru

servizz ikunx zamm kelmtu jew le, u jekk onorax l-obbligazzjonijiet kuntrattwali li dahal ghalihom.

Il-poloz baqalhom madwar sitt snin ohra biex jimmaturaw u, ghalhekk, l-Arbitru ma jhossx li huwa ekwu, gust jew ragonevoli li jipprova jbassar x'ser jigri fis-sitt snin li gejjin.

**Ghalhekk, l-Arbitru qed jiddeciedi li f'dan l-istadju ma jistax ibassar x'ser jigri fid-data tal-maturità fl-2025 u, ghal din ir-raguni, jqis li l-ilment sar b'mod intempestiv u ma jistax jilqghu.**

**Dan minghajr pregudizzju ghad-drittijiet tal-ilmentatur fid-data tal-maturità tal-poloz mertu ta' dan l-ilment.**

**Minhabba n-natura tal-kaz, u peress li l-Arbitru cahad it-tieni eccezzjoni, kull parti thallas l-ispejjez taghha.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**